

Brussell, 17 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

15525/23

COH 88

**NOTA**

|          |                                                                                     |
|----------|-------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Presidenza                                                                          |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                       |
| Suġġett: | Il-Politika ta' Koeżjoni u l-awtonomija strateġika Ewropea<br>= Skambju ta' fehmiet |

Fil-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali ddedikata għall-Politika ta' Koeżjoni tat-30 ta' Novembru li ġej, abbażi tad-dokument tal-Presidenza li jinsab fl-anness għal din in-nota, il-Ministri inkarigati mill-Politika ta' Koeżjoni huma mistiedna jiddiskutu kif il-Politika ta' Koeżjoni tista' tikkontribwixxi għat-trawwim tas-sovranità u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni Ewropea.

**Dokument ta' informazzjoni****għall-Kunsill Affarijiet Ġenerali ddedikat għall-Politika ta' Koeżjoni****"Il-Politika ta' Koeżjoni u l-awtonomija strateġika Ewropea"**

Il-ftuħ fil-livell internazzjonali ta' dawn l-aħħar seba' deċennji kien ta' benefiċċju kbir għall-UE u ppermettietliha tikseb livelli ta' tkabbir ekonomiku u benesseri soċjali li, bil-protezzjoniżmu jew b'Unjoni b'inqas Stati Membri, ma kinux ikunu possibbli.

Madankollu, il-ftuħ fil-livell internazzjonali ffaċilita wkoll **proċessi ta' rilokazzjoni** li wassluna biex nitilfu s-sehem mis-suq fsetturi strateġiċi u wassalna biex insiru **dipendenti żżejjed minn pajjiżi terzi** foqsa bħall-enerġija, il-provvisti tas-saħħa, it-teknoloġiji diġitali jew l-ikel.

Fl-istess ħin, il-politika tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea u t-tfittxija għal solidarjetà u opportunitajiet indaqs fl-allokazzjoni tal-għajnuna u r-riżorsi pubbliċi wasslu għal sitwazzjonijiet fejn **kumpaniji kbar fl-UE ma setgħux jikkompetu, fuq termini ugwali, ma' ġganti internazzjonali kbar**, li għandhom it-tendenza li jirċievu għajnuna mill-istati fejn jinsabu.

Illum, il-bidliet ġeopolitiċi, teknoloġiċi u ambjentali li għaddejjin minnhom qed jenfasizzaw il-ħtieġa li naġixxu kontra din it-tendenza. Fl-istess ħin, dawn il-bidliet joffru l-opportunità li ninvestu, nattiraw negozji u impjiegi ġodda lejn l-Ewropa, niġġeneraw il-ġid u nnaqqsu l-vulnerabbiltajiet esterni tagħna. Dan ġie enfasizzat fid-dawl tal-kriżi tal-enerġija, tal-provvista tal-materja prima u inflazzjonarja li tirriżulta mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, fid-dawl tal-periklu ta' kriżi taż-żejt li tirriżulta mill-kunflitt li għaddej bejn Iżrael u l-Palestina, iżda wkoll kriżijiet oħra preċedenti tal-provvista li wasslu għal interruzzjoni fil-ktajjen tal-valur internazzjonali.

Għalhekk huwa dejjem aktar importanti għall-Unjoni Ewropea li tkun tista' tiżviluppa nisġa industrijali b'saħħitha, reżiljenti u li tħares 'il quddiem, li tippermettilha tipproteġi s-sovranità tagħha u żżid l-awtonomija tagħha f'sitwazzjonijiet fejn l-instabbiltà internazzjonali tolqot lis-swieq. Għal dan l-għan, l-Unjoni trid tiżgura li l-kumpaniji l-kbar f'setturi strateġiċi jibqgħu fit-territorju Ewropew sabiex ikunu jistgħu jfornu oġġetti u servizzi li huma essenzjali għall-futur u joħolqu impjiegi strateġiċi, ta' kwalità u ta' valur miżjud għoli.

Ċertament, l-iżvilupp industrijali spiss serva ta' strument għall-iżvilupp territorjali u reġjonali, li huwa l-għan aħħari tal-Politika ta' Koeżjoni, kif stipulat fl-Artikolu 174 TFUE. Fil-fatt, l-industrija, bħala ġeneratur tal-attività ekonomika u tal-impjiegi, tista' treġġa' lura t-tendenzi ta' delokalizzazzjoni, kemm fost ir-reġjuni fl-Unjoni kif ukoll lil hinn minnha. Barra minn hekk, il-kumpaniji l-kbar għandhom l-akbar kapaċità li joħolqu l-impjiegi, jinvestu fir-R&Ż&I, jikkompetu fil-livell internazzjonali u jiġġeneraw effetti ta' mutur għall-iżvilupp fir-reġjuni fejn huma stabbiliti, kif ukoll f'oħrajn madwarhom billi jitolbu oġġetti u servizzi intermedji. Għalhekk, l-iżvilupp industrijali f'kumpaniji kbar f'setturi strateġiċi, appoġġat mill-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, jirriżulta fi kwalità tal-ħajja aħjar għaċ-ċittadini, b'rati ogħla ta' ħolqien ta' impjiegi u sovranità akbar tal-Unjoni, u b'hekk jinħoloq ukoll effetti indiretti fuq l-attivitàjiet kollha tal-Unjoni Ewropea. Dan jikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-ekonomiji reġjonali, billi jiżviluppa kapaċità ta' produzzjoni industrijali u ktajjen tal-valur li jibqgħu validi fil-futur.

F'dan ir-rigward il-Politika ta' Koeżjoni għandha rwol ewlieni, peress li tista' tikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika u l-protezzjoni tas-sovranità tal-Unjoni permezz tal-fondi tagħha. Għalhekk, l-iżvilupp ta' dawn is-setturi strateġiċi, kofinanzjati mill-FEŻR, l-FSE +, il-Fond ta' Koeżjoni jew il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, min-naħa tiegħu jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' kull reġjun tal-UE u tal-UE kollha kemm hi.

F'dan il-kuntest, il-Politika ta' Koeżjoni tista' tiffinanzja n-negozju f'industrija kompetittiva li tkun kapaċi taġixxi fi swieq internazzjonali kbar.

Mhijiex biss kwistjoni ta' żvilupp ta' industrija Ewropea, iżda wkoll li din tkun tista' tikkompeti ma' ġganti internazzjonali f'pajjiżi bħall-Istati Uniti jew iċ-Ċina. Għal dan l-għan, jeħtieġ li nkunu nistgħu nużaw il-Politika ta' Koeżjoni sabiex kumpaniji kbar f'setturi strateġiċi jibqgħu fit-territorju Ewropew u b'hekk jikkontribwixxu wkoll għat-tnaqqis tad-disparitajiet reġjonali.

Dan jippermetti lill-Unjoni Ewropea **tnaqqas id-dipendenza esterna tagħha mit-teknoloġiji** li jistgħu jissostitwixxu l-materja prima jew minn setturi fejn l-Unjoni m'għandhiex vantaġġ kompetittiv. Dan jista' jkun l-eżempju ta' sorsi ta' enerġija li jniġġsu. Jista' jgħin ukoll biex **jitnaqqsu r-riskji li jirriżultaw minn interruzzjoni possibbli tal-ktajjen tal-valur internazzjonali** fid-dawl ta' kunflitt jew tensjoni internazzjonali. Bl-istess mod, dan jista' jgħin biex **jiġu miġġielda r-riskji li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima**, billi jsaħħaħ industrija ffukata fuq setturi nodfa u b'emissjonijiet aktar baxxi ta' gassijiet serra. Fl-aħħar nett, ċertament jgħin biex **jiġu ġġenerati impjiegi b'livell għoli ta' ħilet u produttività u pagi marġinali għoljin**, li fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għal titjib fil-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, nixtiequ nieħdu l-opportunità biex nirriflettu dwar il-mistoqsija li ġejja f'dan il-Kunsill Affarijiet Ġenerali ta' Koeżjoni:

***Il-Politika ta' Koeżjoni kif tista' tikkontribwixxi għat-trawwim tas-sovranità u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni Ewropea, fi żmien meta huwa meħtieġ aktar minn qatt qabel li tingħata spinta lill-kompetittività internazzjonali tal-kumpaniji kbar f'setturi strateġiċi, bħala muturi tal-ħolqien ta' impjiegi u ġid fir-reġjuni kollha tal-Unjoni Ewropea?***